**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 9**

**It-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.04 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne; il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri; l-Onor. David Agius, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia u l-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar.

Kienu preżenti wkoll il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, l-Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, u d-Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika s-Sur Charles Polidano.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 8 li saret fit-8 ta' Jannar 2024 ġew ikkonfermati.

**ESTIMI TAL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA GĦAS-SNIN 2022, 2023 U 2024**

Il-Kumitat stieden lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, l-Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, sabiex flimkien mad-Direttur Ġenerali s-Sur Charles Polidano, jieħu postu mal-mejda ħalli jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu kif ukoll iwieġeb għal xi mistoqsijiet jew osservazzjonijiet li jsirulu fuq l-Estimi tal-Uffiċċju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022, 2023 u 2024 li tpoġġew mill-Ispeaker fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta tal-4 ta' Ottubru 2021, tat-3 ta' Ottubru 2022 u tas-16 ta' Jannar 2024 rispettivament.

Il-Membri tal-Kumitat ħadu sehem fid-diskussjoni billi għamlu mistoqsijiet lill-Kummissarju dwar punti li ħarġu mill-preżentazzjoni tiegħu. Fost il-punti mqajma kien hemm l-istruttura amministrattiva tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards, it-terminu ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni ta' każijiet li jiġu rrapportati lill-Kummissarju, u jekk għandhomx ikunu ppubblikati r-rapporti ta' dawk il-każijiet li l-Kummissarju jiddeċiedi li m'għandhomx ikunu investigati.

Il-Kumitat qabel li jirrakkomanda lill-Parlament l-approvazzjoni tal-Estimi tal-Uffiċċju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-Snin 2022, 2023 u 2024. L-Ispeaker informa lill-Kumitat li

huwa kien se jiċċirkola t-traskrizzjoni ta' din laqgħa lill-Membri Parlamentari kollha sabiex sussegwentement titressaq fil-Kamra l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Estimi tal-Uffiċċju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022, 2023 u 2024 skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570).

L-Ispeaker irringrazzja lill-Kummissarju tal-preżentazzjoni tiegħu u talbu jirtira mill-Kumitat.

## XOGĦOL IEĦOR

### Kommemorazzjoni tal-Olokawst

B'referenza għar-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti adottata mill-Assemblea Ġenerali fl-1 ta' Novembru 2005 li ddikjarat is-27 ta' Jannar bħala l-ġurnata li tikkommemora l-vittmi tal-Olokawst, l-Ispeaker informa lill-Kumitat li bi ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra l-kommemorazzjoni fil-Kamra kellha ssir waqt is-seduta ta' dakinhar, 29 ta' Jannar 2024.

### Sigurtà mal-binja tal-Parlament

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati dwar proġett għat-tisħiħ tal-miżuri ta' sigurtà madwar il-binja tal-Parlament, liema proġett huwa maħsub li jkun parzjalment finanzjat minn fondi Ewropej.

### Xufier addizzjonali għall-Kap tal-Oppożizzjoni

Il-Kumitat approva b'mod uffiċjali t-talba mressqa mill-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, sabiex il-Kap tal-Oppożizzjoni jkun intitolat għat-tieni xufier.

## XOGĦOL TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, infurmat lill-Kumitat li l-ħsieb kien illi fis-seduti ta' dik il-ġimgħa tintemm id-diskussjoni fl-istadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Abbozz Nru 73) u tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) (Abbozz Nru 80), u tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati (Abbozz Nru 87). Fis-seduta tal-Erbgħa, 31 ta' Jannar kellha tibda d-diskussjoni fl-istadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) (Abbozz Nru 77) u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) (Abbozz Nru 78), u li skont ftehim bejn iż-żewġ naħat, id-diskussjoni fuq l-Abbozz Nru 77 kellha teżawrixxi wkoll id-diskussjoni fuq l-Abbozz Nru 78.

Hija infurmat ukoll illi l-ġimgħa ta' wara kellha tibda d-diskussjoni fl-istadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar Azzjoni fuq il-Klima (Abbozz Nru 89) u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Protezzjoni tal-Ambjent, li ken għadu mhux ippubblikat u li kien ser isir l-Ewwel Qari tiegħu fis-seduta ta' dakinhar. Hija żiedet li dawn iż-żewġ abbozzi jistgħu jkunu koperti wkoll b'diskussjoni waħda. Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, informa lill-Kumitat li kien se jkun qed jagħti risposta dwar dan l-arranġament wara li jikkonsulta mal-kelliem responsabbli minn dak il-qasam.

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kumitat li wara abbokkamenti bejn iż-żewġ naħat kien intlaħaq ftehim li l-istadju ta' Kumitat ta' dawk l-Abbozzi ta' Liġi mressqa mill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni u li dwarhom kien hemm qbil, isir fil-Plenarja.

L-Ispeaker irreġistra fil-Kumitat il-ftehim verbalizzat fil-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 87 kull votazzjoni li tista' tintalab kellha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tat-30 ta' Jannar 2024.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u Protezzjoni tal-Konsumatur informa lill-Kumitat li kellhom isiru abbokkamenti bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex minkejja li d-diskussjoni dwar il-mozzjoni tal-Oppożizzjoni dwar l-Avviż Legali li jirrigwarda l-aġenziji tal-impjieg kienet magħluqa, tkun esplorata l-possibilità li titressaq emenda għaliha qabel ma titqiegħed għall-vot. Indika li l-ħsieb kien li kemm jista' jkun għandha tiġi evitata l-ħtieġa ta' estensjoni għat-terminu ta' skadenza ta' 60 jum stipulat fl-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). Fid-dawl ta' dan il-ħsieb, il-Kumitat qabel li jekk ikun meħtieġ, dan it-terminu jiġi estiż.

Fit-3.29 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tkun komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**